



Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1630 tad-9 ta' Settembru 2016 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-proċeduri għall-applikazzjoni tal-miżura tranżizzjonali għas-submodulu tar-riskju ta' ekwità skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾** 1
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1631 tad-9 ta' Settembru 2016 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 4

DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2016/1632 tas-26 ta' Lulju 2016 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niger (EUCAP Sahel Niger) (EUCAP Sahel Niger/1/2016)** 6
- ★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2016/1633 tas-26 ta' Lulju 2016 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR) (EUCAP NESTOR/1/2016)** 8
- ★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2016/1634 tat-30 ta' Awwissu 2016 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libja) (EUBAM Libja/1/2016)** 10
- ★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2016/1635 tat-30 ta' Awwissu 2016 dwar il-bidu tal-proċess ta' bini ta' kapaċità u t-taħriġ tal-Gwardja tal-Kosta u l-Marina Militari Libjana mill-Operazzjoni Militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) (EUNAVFOR MED/3/2016)** 11

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE

- ★ Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2016/1636 tas-6 ta' Settembru 2016 dwar l-aċċettazzjoni tal-kontributi ta' Stati terzi għall-Missjoni ta' Taħriġ tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) (EUTM RCA/1/2016) 13
 - ★ Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2016/1637 tas-6 ta' Settembru 2016 dwar il-bidu tal-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-embargo fuq l-armi tan-NU fl-ibħra miftuħa 'l barra mill-kosta tal-Libja (EUNAVFOR MED/4/2016) 14
-

Rettifika

- ★ Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/466 tal-31 ta' Marzu 2016 li jimplimenta l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2016/44 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja (ĠU L 85, 1.4.2016) 16
- ★ Rettifika tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/478 tal-31 ta' Marzu 2016 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja (ĠU L 85, 1.4.2016) 16

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1630

tad-9 ta' Settembru 2016

li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-proċeduri għall-applikazzjoni tal-miżura tranżizzjonali għas-submodulu tar-riskju ta' ekwità skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) ⁽¹⁾ u b'mod partikolari s-sitt subparagrafu tal-Artikolu 308b(13) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex tkun tista' ssir l-applikazzjoni tal-miżura tranżizzjonali stabbilita fl-Artikolu 308b(13) tad-Direttiva 2009/138/KE, impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jinħtieġ li jkunu jistgħu juru lill-awtoritajiet superviżorji tagħhom li x-xiri tal-ekwitajiet suġġetti għal din il-miżura tranżizzjonali saru fl-1 ta' Jannar 2016 jew qabel. Għal din il-fini, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jinħtieġ li jseguw ċerti proċeduri għall-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni xierqa ta' dawn l-ekwitajiet.
- (2) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi u kontroll adegwat tal-applikazzjoni tal-miżura tranżizzjonali, l-impriżi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni jinħtieġ li jżommu dokumentazzjoni li tidentifika kull bidla li taffettwa l-ammont tal-ekwitajiet suġġetti għall-miżura tranżizzjonali. Dawn jinħtieġ li jaġġornaw id-dokumentazzjoni kull darba li jikkalkulaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza b'konformità mal-formula standard sabiex jiġu identifikati l-ekwitajiet suġġetti għall-miżura tranżizzjonali.
- (3) Għal ekwitajiet miżmuma permezz ta' impriżi ta' investment kollettiv jew investimenti oħra f'forma ta' fondi fejn l-approċċ look-through ma jkunx possibbli, l-Artikolu 173(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 ⁽²⁾ jistabbilixxi metodoloġija biex jiġi identifikat l-ammont ta' ekwitajiet mixtrija qabel l-1 ta' Jannar 2016 u għalhekk ma hemmx b'żonn li d-data tax-xiri ta' daww l-ekwitajiet tiġi rintraċċata. Id-data tax-xiri rilevanti li trid tiġi identifikata u ddokumentata jinħtieġ li tkun id-data tax-xiri tal-unitajiet jew ishma ta' daww l-intrapriżi għal investment kollettiv jew investimenti oħrajn f'forma ta' fondi.
- (4) Jinħtieġ li l-impriżi jinkludu fid-dokumentazzjoni tagħhom id-data tax-xiri tal-ekwitajiet, l-unitajiet jew l-ishma li l-miżura tranżizzjonali tapplika għalihom. Barra minn hekk, jinħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji, wara talba mingħandhom, jingħataw aċċess għal dokumentazzjoni u informazzjoni komprensivi biex jivverifikaw li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-miżura tranżizzjonali jkunu ssodisfati.

⁽¹⁾ ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 12, 17.1.2015, p. 1).

- (5) Meta impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jbigħu ekwitajiet, unitajiet, jew ishma msemija fl-Artikolu 173 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 u mbagħad jixtru lura ekwitajiet, unitajiet jew ishma tal-istess tip wara l-1 ta' Jannar 2016, l-ammont ta' ekwitajiet li jkunu suġġetti għall-miżura tranżizzjonali jonqsu meta mqabbla mal-ammont inizjalment identifikat. Il-proċedura segwita mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jinħtieġ li għalhekk tiżgura li l-ekwitajiet li jibqgħu suġġetti għall-miżura tranżizzjonali wara bejgħ ta' dan it-tip u xirjiet sussegwenti ta' ekwitajiet, unitajiet jew ishma jkunu jistgħu jiġu distinti mill-ekwitajiet, l-unitajiet jew l-ishma l-oħra kollha.
- (6) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentat mill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol lill-Kummissjoni.
- (7) L-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implementazzjoni li dan ir-Regolament huwa bbażat fuqu, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tal-Assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni stabbilit mill-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Meta l-ponderazzjoni tal-parametru standard imsemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 308b(13) tad-Direttiva 2009/138/KE tkun iktar baxxa minn 100 %, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom iżommu dokumentazzjoni tal-ekwitajiet imsemija fl-Artikolu 173 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 u d-dati tax-xiri tagħhom. Meta dawn l-ekwitajiet jinżammu f'impriża ta' investiment kollettiv jew f'investimenti oħra f'forma ta' fondi u l-approċċ look-through ma jkunx possibbli, l-impriżi għandhom iżommu dokumentazzjoni biss dwar l-unitajiet jew l-ishma tal-impriża ta' investiment kollettiv jew investiment ieħor f'forma ta' fondi li l-Artikolu 173(2) japplika għalihom u d-dati tax-xiri tagħhom.

2. Impriżi ta' assicurazzjoni u riassigurazzjoni għandhom jipprovdu l-informazzjoni kollha neċessarja relatata ma' dawk l-ekwitajiet, unitajiet u ishma, u l-evidenza dokumentata tad-data tax-xiri lill-awtorità superviżorja malli din titlobha.

3. Id-dokumentazzjoni msemija fil-paragrafu 1 għandha tkun aġġornata kull darba li l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni tikkalkula r-reqwiżit kapitali tas-solvenza bl-użu tal-miżura tranżizzjonali stabbilita fl-Artikolu 308b(13) tad-Direttiva 2009/138/KE.

4. Meta impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jbigħu ekwitajiet, unitajiet jew ishma kif imsemmi fil-paragrafu 1, li jkunu mixtrija fl-1 ta' Jannar 2016 jew qabel u mbagħad jixtru ekwitajiet, unitajiet jew ishma tal-istess tip wara l-1 ta' Jannar 2016, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jiżguraw li l-ekwitajiet, unitajiet jew ishma li jkun fadal li jkunu nixtraw fl-1 ta' Jannar 2016 jew qabel ikunu jistgħu jiġu identifikati skont il-paragrafu 1.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Settembru 2016.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1631**tad-9 ta' Settembru 2016****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.
- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Settembru 2016.

*Għall-Kummissjoni,**F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.⁽²⁾ ĠUL 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNEX

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	MA	170,6
	ZZ	170,6
0707 00 05	TR	121,6
	ZZ	121,6
0709 93 10	TR	135,1
	ZZ	135,1
0805 50 10	AR	142,7
	CL	150,1
	EG	94,4
	TR	124,8
	UY	140,3
	ZA	168,9
	ZZ	136,9
	ZZ	136,9
0806 10 10	TR	129,8
	ZZ	129,8
0808 10 80	AR	110,6
	BR	102,8
	CL	131,2
	NZ	128,6
	US	179,7
	ZA	90,9
	ZZ	124,0
	ZZ	124,0
0808 30 90	AR	93,2
	CL	101,2
	TR	139,8
	ZA	115,3
	ZZ	112,4
	ZZ	112,4
0809 30 10, 0809 30 90	TR	129,6
	ZA	88,8
	ZZ	109,2
0809 40 05	TR	216,0
	ZZ	216,0

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimentar-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2016/1632

tas-26 ta' Lulju 2016

dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (EUCAP Sahel Niger/1/2016)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/392/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Billi:

- (1) Bis-saħħa tal-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2012/392/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-eżerċitar tal-kontroll politiku u tad-direzzjoni strateġika tal-EUCAP Sahel Niger, inkluż, b'mod partikolari, id-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.
- (2) Fis-6 ta' Mejju 2014, il-KPS adotta d-Deċiżjoni EUCAP Sahel Niger/2/2014 ⁽²⁾, li taħtar lis-Sur Filip DE CEUNINCK bħala Kap tal-Missjoni EUCAP Sahel Niger mis-6 ta' Mejju 2014 sal-15 ta' Lulju 2014.
- (3) Fit-22 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/482/PESK ⁽³⁾, li testendi l-mandat ta' EUCAP Sahel Niger mis-16 ta' Lulju 2014 sal-15 ta' Lulju 2016.
- (4) Fl-24 ta' Lulju 2014, il-KPS adotta d-Deċiżjoni EUCAP Sahel Niger/3/2014 ⁽⁴⁾, li testendi l-mandat tas-Sur Filip DE CEUNINCK bħala Kap tal-Missjoni EUCAP Sahel Niger mis-16 ta' Lulju 2014 sal-15 ta' Lulju 2015.
- (5) Fil-15 ta' April 2015, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/611 ⁽⁵⁾, li testendi l-mandat tas-Sur Filip DE CEUNINCK bħala Kap tal-Missjoni EUCAP Sahel Niger mis-16 ta' Lulju 2015 sal-15 ta' Lulju 2016.
- (6) Fit-18 ta' Lulju 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1172 ⁽⁶⁾, li testendi l-mandat ta' EUCAP Sahel Niger mis-16 ta' Lulju 2016 sal-15 ta' Lulju 2018.
- (7) Fit-22 ta' Lulju 2016, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona l-ħatra tas-Sinjura Kirsi HENRIKSSON bħala Kap ta' EUCAP Sahel Niger,

⁽¹⁾ ĠUL 187, 17.7.2012, p. 48.

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUCAP Sahel Niger/2/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (ĠU L 136, 9.5.2014, p. 26).

⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/482/PESK tat- 22 ta' Lulju 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2012/392/PESK dwar il-missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (ĠU L 217, 23.7.2014, p. 31).

⁽⁴⁾ Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUCAP Sahel Niger/3/2014 tal- 24 ta' Lulju 2014 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (ĠU L 267, 6.9.2014, p. 5).

⁽⁵⁾ Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2015/611 tal- 15 ta' April 2015 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (EUCAP Sahel Niger/1/2015) (ĠU L 101, 18.4.2015, p. 61).

⁽⁶⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1172 tat-18 ta' Lulju 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2012/392/PESK dwar il-missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (ĠU L 193, 19.7.2016, p. 106).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sinjura Kirsi HENRIKSSON hija b'dan maħtura bħala Kap tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) mill-1 ta' Settembru 2016 sal-15 ta' Lulju 2017.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Lulju 2016.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

W. STEVENS

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2016/1633**tas-26 ta' Lulju 2016****dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR) (EUCAP NESTOR/1/2016)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/389/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Billi:

- (1) Bis-saħħa tal-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2012/389/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà ("KPS") hu awtorizzat, f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-eżerċizzju tal-kontroll politiku u tad-direzzjoni strateġika tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR), inkluża d-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.
- (2) Fis-17 ta' Lulju 2012, il-KPS adotta d-Deċiżjoni EUCAP NESTOR/1/2012 ⁽²⁾ li taħtar lis-Sur Jacques LAUNAY bħala Kap ta' EUCAP NESTOR mis-17 ta' Lulju 2012.
- (3) Fit-23 ta' Lulju 2013, il-KPS adotta d-Deċiżjoni EUCAP NESTOR/3/2013 ⁽³⁾ li taħtar lis-Sur Etienne DE MONTAIGNE DE PONCINS bħala Kap ta' EUCAP Nestor mis-16 ta' Lulju 2013 sal-15 ta' Lulju 2014.
- (4) Fl-24 ta' Lulju 2014, il-KPS adotta d-Deċiżjoni EUCAP NESTOR/1/2014 ⁽⁴⁾, li testendi l-mandat tas-Sur Etienne DE MONTAIGNE DE PONCINS bħala Kap tal-Missjoni ta' EUCAP NESTOR sal-15 ta' Lulju 2015.
- (5) Fit-22 ta' Lulju 2016, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà pproponiet il-ħatra tas-Sinjura Maria-Cristina STEPANESCU bħala Kap tal-Missjoni ta' EUCAP NESTOR mill-1 ta' Settembru 2016 sat-12 ta' Diċembru 2016,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sinjura Maria-Cristina STEPANESCU hija b'dan maħtura bħala Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR) mill-1 ta' Settembru 2016 sat-12 ta' Diċembru 2016.

⁽¹⁾ ĠU L 187, 17.7.2012, p. 40.⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà 2012/426/PESK tas-17 ta' Lulju 2012 rigward il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini ta' Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR) (EUCAP NESTOR/1/2012) (ĠU L 198, 25.7.2012, p. 16).⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà 2013/400/PESK tat-23 ta' Lulju 2013 rigward il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini ta' Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR) (EUCAP NESTOR/3/2013) (ĠU L 202, 27.7.2013, p. 23).⁽⁴⁾ Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà 2014/642/PESK tal-24 ta' Lulju 2014 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini ta' Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR) (EUCAP NESTOR/1/2014) (ĠU L 267, 6.9.2014, p. 4).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Lulju 2016.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

W. STEVENS

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2016/1634**tat-30 ta' Awwissu 2016****dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libja) (EUBAM Libja/1/2016)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/233/PESK tat-22 ta' Mejju 2013 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libja) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Billi:

- (1) Bis-saħħa tal-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2013/233/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) hu awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-eżerċizzju tal-kontroll politiku u tad-direzzjoni strateġika tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libja), inkluż id-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.
- (2) Fl-24 ta' Mejju 2013, il-KPS adotta d-Deċiżjoni EUBAM Libja/1/2013 ⁽²⁾, li taħtar lis-Sur Antti Juhani Hartikainen bħala l-Kap tal-Missjoni ta' EUBAM Libja għall-perijodu mit-22 ta' Mejju 2013 sal-21 ta' Mejju 2014.
- (3) Fit-30 ta' April 2014, il-KPS adotta d-Deċiżjoni EUBAM LIBYA/3/2014 ⁽³⁾, li testendi l-mandat tas-Sur Antti Juhani Hartikainen bħala l-Kap tal-Missjoni ta' EUBAM Libja sal-21 ta' Mejju 2015.
- (4) Fit-18 ta' Lulju 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1339 ⁽⁴⁾, li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2013/233/PESK sal-21 ta' Awwissu 2017.
- (5) Fis-16 ta' Awwissu 2016, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona l-ħatra tas-Sur Vincenzo Tagliaferrri bħala Kap tal-Missjoni tal-EUBAM Libja mill-1 ta' Settembru 2016,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Vincenzo TAGLIAFERRI huwa b'dan maħtur Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libja) mill-1 ta' Settembru 2016 sal-21 ta' Awwissu 2017.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Awwissu 2016.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà**Il-President*

W. STEVENS

⁽¹⁾ ĠUL 138, 24.5.2013, p. 15.⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà 2013/254/PESK tal-24 ta' Mejju 2013 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libja) (EUBAM Libja/1/2013) (ĠUL 147, 1.6.2013, p. 13).⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà 2014/258/PESK tat-30 ta' April 2014 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libja) (EUBAM Libja/3/2014) (ĠUL 136, 9.5.2014, p. 25).⁽⁴⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1339 tal-4 ta' Awwissu 2016 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2013/233/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libja) (ĠUL 212, 5.8.2016, p. 111).

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2016/1635**tat-30 ta' Awwissu 2016****dwar il-bidu tal-proċess ta' bini ta' kapaċità u t-taħriġ tal-Gwardja tal-Kosta u l-Marina Militari Libjana mill-Operazzjoni Militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) (EUNAVFOR MED/3/2016)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/778 tat-18 ta' Mejju 2015 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2a u l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/993 ⁽²⁾ li emendat id-Deċiżjoni (PESK) 2015/778, daħlet l-Artikolu 2a f'dik id-Deċiżjoni bil-għan li tiżdied l-assistenza fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet u fit-taħriġ tal-Gwardja tal-Kosta u l-Marina Militari Libjana f'kompiti ta' infurzar tal-liġi fuq il-baħar, b'mod partikolari biex jiġu evitati l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni u t-traffikar tal-bnedmin, bħala kompitu ta' appoġġ għall-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA.
- (2) Skont l-Artikolu 2a(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/778, meta l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà jiddeċiedi li jkunu twettqu t-tnejn meħtieġa, b'mod partikolari dwar il-ġenerazzjoni tal-forzi u proċeduri ta' skrutinju għall-apprendisti, EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA għandha tassisti fl-ibħra internazzjonali, fiż-żona ta' operazzjoni miftiehma tagħha, fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet u fit-taħriġ tal-Gwardja tal-Kosta u l-Marina Militari Libjana f'kompiti ta' infurzar tal-liġi fuq il-baħar, b'mod partikolari fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni u t-traffikar tal-bnedmin.
- (3) Il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE assigura lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà li twettqu t-tnejn meħtieġa sabiex jibda dak il-kompitu ta' appoġġ.
- (4) Għalhekk l-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA għandha tiġi awtorizzata biex tibda, fiż-żona ta' operazzjoni miftiehma tagħha, tassisti fil-bini tal-kapaċitajiet u t-taħriġ tal-Gwardja tal-Kosta u l-Marina Militari Libjana u fl-ibħra internazzjonali kif previst fl-Artikolu 2a tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/778.
- (5) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implementazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li jkollhom implikazzjonijiet ta' difiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA għandha tibda, fiż-żona ta' operazzjoni miftiehma tagħha, tassisti fil-bini tal-kapaċitajiet u t-taħriġ tal-Gwardja tal-Kosta u l-Marina Militari Libjana u fl-ibħra internazzjonali kif previst fl-Artikolu 2a tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/778.

⁽¹⁾ ĠUL 122, 19.5.2015, p. 31.⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/993 tal-20 ta' Ġunju 2016 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/778 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) (ĠU L 162, 21.6.2016, p. 18).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Awwissu 2016.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

W. STEVENS

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2016/1636**tas-6 ta' Settembru 2016****dwar l-aċċettazzjoni tal-kontributi ta' Stati terzi għall-Missjoni ta' Taħriġ tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) (EUTM RCA/1/2016)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/610 tad-19 ta' April 2016 dwar Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/610, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar l-aċċettazzjoni tal-kontributi proposti minn Stati terzi.
- (2) Wara rakkomandazzjoni mill-Kmandant tal-Missjoni tal-UE dwar kontribut mill-Georgia u l-parir mill-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea, il-kontribut mill-Georgia għandu jiġi aċċettat.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li jkollhom implikazzjonijiet ta' difiża. Konsegwentement, id-Danimarka mhux qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u la hi marbuta biha u lanqas mhija soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1***Kontributi ta' Stati Terzi**

1. Il-kontribut mill-Georgia għal EUTM RCA huwa aċċettat u meqjus bħala sinifikanti.
2. Il-Georgia hija eżentata minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-baġit tal-EUTM RCA.

*Artikolu 2***Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Settembru 2016.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà**Il-President*

W. STEVENS

⁽¹⁾ ĠUL 104, 20.4.2016, p. 21.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2016/1637**tas-6 ta' Settembru 2016****dwar il-bidu tal-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-embargo fuq l-armi tan-NU fl-ibħra miftuħa 'l barra mill-kosta tal-Libja (EUNAVFOR MED/4/2016)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/778 tat-18 ta' Mejju 2015 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2b u l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/993 ⁽²⁾, li emendat id-Deċiżjoni (PESK) 2015/778 daħlet l-Artikolu 2b f'dik id-Deċiżjoni bil-għan li jingħata kontribut għall-iskambju ta' informazzjoni u l-implimentazzjoni tal-embargo fuq l-armi tan-NU fl-ibħra miftuħa 'l barra mill-kosta tal-Libja bħala kompitu ta' appoġġ tal-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA.
- (2) Skont l-Artikolu 2b(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/778, meta l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà jiddeċiedi li jkunu ntlaħqu l-kondizzjonijiet rilevanti, l-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA għandha tibda tikkontribwixxi, f'żona miftiehma tal-operazzjoni, għall-implimentazzjoni tal-embargo fuq l-armi tan-NU fl-ibħra miftuħa 'l barra mill-kosta tal-Libja permezz ta' spezzjonijiet ta' bastimenti destinati lejn jew ġejjin mil-Libja fejn ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li tali bastimenti jkunu qed iġorru armi jew materjal relatat lejn jew mil-Libja, direttament jew indirettament, bi ksur tal-embargo fuq l-armi fuq il-Libja, u permezz ta' azzjoni rilevanti tikkonfiska u tiddisponi minn tali oġġetti, inkluż bil-ħsieb li tidderieġi tali bastimenti u l-ekwipaġġi tagħhom lejn port adatt biex tiffaċilita tali disponiment, bil-kunsens tal-Istat tal-port, b'konformità mar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, inkluża l-UNSCR 2292 (2016).
- (3) Il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE assigura lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà li ntlaħqu l-kondizzjonijiet meħtieġa sabiex jibda dak il-kompitu ta' appoġġ.
- (4) Għalhekk, l-Operazzjoni EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA għandha tiġi awtorizzata tibda fiż-żona miftiehma tal-operazzjoni, biex tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-embargo fuq l-armi tan-NU fl-ibħra miftuħa 'l barra mill-kosta tal-Libja kif previst fl-Artikolu 2b tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/778.
- (5) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li jkollhom implikazzjonijiet ta' difiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA għandha tibda tikkontribwixxi, fiż-żona miftiehma tal-operazzjoni, għall-implimentazzjoni tal-embargo fuq l-armi tan-NU fl-ibħra miftuħa 'l barra mill-kosta tal-Libja kif previst fl-Artikolu 2b tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/778.

⁽¹⁾ ĠUL 122, 19.5.2015, p. 31.⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/993 tal-20 ta' Ġunju 2016 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/778 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) (ĠU L 162, 21.6.2016, p. 18).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Settembru 2016.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

W. STEVENS

RETTIFIKA**Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/466 tal-31 ta' Marzu 2016 li jimplimenta l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2016/44 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 85 tal-1 ta' April 2016)

Fil-paġni 4 u 5, fl-Anness (li jikkonċerna l-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/44), id-data "1.4.2016" għandha titniżżel fil-kolonna "Data tal-ejenkar" għall-entrati 21, 22 u 23.

Rettifika tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/478 tal-31 ta' Marzu 2016 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 85 tal-1 ta' April 2016)

Fil-paġni 50 sa 52, fl-Anness (li jikkonċerna l-Anness II u l-Anness IV għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333), id-data "1.4.2016" għandha titniżżel fil-kolonna "Data tal-ejenkar" għall-entrati 16, 17, 18, 21, 22 u 23.

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT